

— u li, f'sitwazzjoni fejn din il-proċedura tikkonċerna wkoll imħallfin pożizzjonijiet ta' imħallfin tal-Qorti Suprema li għalihom kienet applikata età ġdida, iktar baxxa, tal-irtirar għall-imħallfin li kienu okkupawhom sa dakinhar, mingħajr ma tħalli d-deċizzjoni li jibbenefikaw minn din l-età tal-irtirar iktar baxxa fid-diskrezzjoni esklużiva tal-imħallfin ikkonċernati, fil-kuntest tal-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati — meta jiġi kkonstatat li dan il-prinċipju inkiser, b'dan il-mod — lanqas ma jaffettwa l-portata u r-riżultat tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-proċedura ta' reklutaġġ imsemmija iktar 'il fuq?

- 2) L-Artikolu 2, moqri flimkien mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 6(1) TUE, flimkien mal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 20, l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 2(1) u (2)(a) u l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78/KE u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens:

li l-prinċipju tal-Istat ta' dritt, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-prinċipju ta' aċċess ugwali, skont regoli identiċi, għas-servizz pubbliku, jiġifieri l-kariga ta' imhalled tal-Qorti Suprema, jinkisru meta hemm, fil-kuntest ta' każijiet individwali li jikkonċernaw l-eżerċizzju tal-kariga ta' mħallef fi ħdan l-imsemmija qorti, dritt għal azzjoni legali quddiem il-qorti kompetenti iżda li, minħabba r-regola dwar in-natura definittiva, deskritta fl-ewwel domanda, ħa tra għal kariga vakanti ta' mħallef tal-Qorti Suprema tista' ssir mingħajr mal-qorti kompetenti teżerċita stħarriġ fuq l-iżvolġiment tal-proċedura ta' reklutaġġ imsemmija iktar 'il fuq (jekk jiġi preżunt li tali stħarriġ kien twettaq) u, fl-istess ħin, l-assenza ta' tali stħarriġ, li tippreġudika d-dritt għal rimedju effettiv, jikser id-dritt għal aċċess ugwali għas-servizz pubbliku u, għal dik ir-raġuni, ma jissodisfax l-għanijiet ta' interess ġenerali

u li sitwazzjoni fejn il-kompożizzjoni tal-korp tal-Istat Membru li għandu jissorvelja l-indipendenza tal-qorti u l-imħallfin (il-KRS), korp li quddiemu jiżvolġu l-proċeduri relatati mal-kariga ta' imhalled tal-Qorti Suprema, hija mfassla b'tali mod li r-rappreżentanti tal-ġudikatura fi ħdan dan il-korp jiġu eletti mil-leġiżlatura, jippreġudika l-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali?

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-3 ta' Jannar 2019 — Asmel società consortile a r.l. vs Autorità Nazionale Anticorruzione

(Kawża C-3/19)

(2019/C 164/07)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asmel società consortile a r.l.

Konvenuta: Autorità Nazionale Anticorruzione

Domandi preliminari

- 1) Dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 33(3a) tad-Digriet Leġiżlattiv tat 12 ta' April 2006, Nru 163/2006, li jillimita l-awtonomija tal-muniċipalitajiet fl-għoti lil korp ċentrali ta' xiri għal żewġ mudelli organizzattivi biss, jiġifieri l-unjoni tal-muniċipalitajiet jekk din l-unjoni diġà teżisti jew il-konsorzju bejn il-muniċipalitajiet li għad irid jitwaqqaf, tmur kontra d-dritt Komunitarju?

- 2) Fi kwalunkwe każ, dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 33(3a) tad-Digriet Leġiżlattiv tat 12 ta' April 2006, Nru 163/2006, li, moqri flimkien mal-Artikolu 3(25) tad-Digriet Leġiżlattiv tat 12 ta' April 2006, Nru 163/2006, fir-rigward tal-mudell organizzattiv tal-konsorzji tal-muniċipalitajiet, jeskludi l-possibbiltà li jiġu kkostitwiti persuni rregolati mid-dritt privat, bħal konsorzju rregolat mid-dritt komuni li fih jistgħu jiffurmaw parti persuni rregolati mid-dritt privat, tmur kontra d-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, tmur kontra l-prinċipji ta' moviment liberu tas-servizzi u tal-iktar fteħ possibbli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi?
- 3) Dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 33(3a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 li, jekk jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-konsorzji tal-muniċipalitajiet li huma korpi ċentrali ta' xiri joperaw f'territorju li jikkorrispondi għal dak tal-muniċipalitajiet li huma membri ta' dan il-konsorzju, ikkunsidrat globalment u, għaldaqstant, f'territorju limitat għat-territorju tal-provinċja, jillimita l-kamp ta' azzjoni ta' dawn il-korpi ċentrali ta' xiri, tmur kontra d-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, tmur kontra l-prinċipji ta' -moviment liberu tas-servizzi u tal-iktar fteħ possibbli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-7 ta' Jannar 2019 — Azienda ULSS
n. 6 Euganea vs Pia Opera Croce Verde Padova**

(Kawża C-11/19)

(2019/C 164/08)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Azienda ULSS n. 6 Euganea

Konvenuta: Pia Opera Croce Verde Padova

Domandi preliminari

- 1) Fil-każ fejn iż-żewġ partijiet ikkonċernati jkunu organi pubbliċi, il-premessa 28, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE ⁽¹⁾, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 flimkien mal-Artikoli 1, 2, 3, u 4 tal-Liġi Reġjonali tal-Veneto Nru 26/2012, abbażi tas-sħubija pubblika-pubblika, prevista fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 5(6) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 50/2016 u fl-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 241/1990?